MALTA RESOURCES AUTHORITY

**MRA PR 10/07/mt**

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Liberalizzazzjoni tas-Suq Malti tal-*Petroleum* fuq l-Art

Waqt in-negozjati li saru biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropeja , Malta u l- Unjoni qablu li hemm bżonn li jsir tibdil fis-suq ta' l- importazzjoni, stokkaġġ u bejgħ bl-ingrossa tal-karburanti. Dan it-tibdil iwassal biex jispiċċa l- monopolju li s'issa kellha il- Korporazzjoni Enemalta.

Biex jintlaħaq dan il-għan, ittieħdu ċertu azzjonijiet. Dawn jinkludu:

- Emendi fil-Att ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir- Riżorsi. Dawn l-emendi jsaħħu lill-Awtorità biex tagħmel monitoraġġ u tirregola l-operat tas-suq u biex tħares il-liberalizzazzjoni ta' dan is-suq.

- Pubblikazzjoni ta' regolamenti tas-suq tal-karburanti bl-ingrossa fuq l-art;

- Ftuħ u sejħa għall-applikazzjonijiet għal ċerti liċenzji, jigifieri:
  - importazzjoni jew bejgħ bl-ingrossa tal-karburanti
  - faċilità ta' ħżin primarju.

L-applikazzjonijiet għal dawn il-liċenzji u l-kondizzjonijiet tagħhom se jiġu ippubblikati fil-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir- Riżorsi minn-nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru 2007.

Ser isir kull sforz biex l-applikazzjonijiet għall-liċenzji jiġu kkunsidrati kemm jista' jkun malajr.

Nifhmu li l-operaturi għandhom bżonn żmien biex jaddattaw għal dan l-ambjent ġdid liberalizzat. Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet il-ġodda li hemm mal-liċenzji għandhom jgħinu biex ikun hemm tranżizzjoni kemm jista' jkun mingħajr diffikultajiet.

Il-konsumatur huwa l-punt fokali ta' dan il-programm ta' liberalizzazzjoni. L-operaturi kollha jifhmu li l-konsumatur jixraqlu u qed jistenna titjib fl-istandards u fil-kwalità, fil-prezz tas-servizzi mogħtija u l-ħarsien tas-saħħa waqt l-operat konċernat.

*Stakeholders*, operaturi f'dan is-suq u l-pubbliku in ġenerali huma mistiedna li jibgħatu il-mistoqsijiet li jista' jkollhom dwar il-programm ta' liberalizzazzjoni, lill-Awtorità permezz tat-telefon fin-numru li ġej: 22955154, permezz tal-posta elettronika għand: mra@mra.org.mt jew bil- posta lill-Awtorità ta' Malta dwar ir- Riżorsi, Millennia, Triq Aldo Moro, Marsa MRS 9065, Malta.

Uffiċjali ta' l-Awtorità huma għad-dispożizzjoni ta' operaturi potenzjali li jkunu jridu jiċċaraw xi diffikultajiet li jista' jkollhom.

2 ta' Ottubru 2007